

II

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

IL-KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-26 ta' Ottubru 2009

li teħles lir-Renju Unit minn ċerti obbligi għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE fir-rigward tal-Avena strigosa Schreb

(notifikata bid-dokument numru C(2009) 8038)

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/786/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE tal-14 ta' Ġunju 1966 dwar il-marketing taż-żerriegħa tal-ġwież⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 23a tagħha,

Wara li kkunsidrat it-talba magħmula mir-Renju Unit,

Billi:

- (1) Skont id-Direttiva 66/402/KEE l-Kummissjoni tista', suġġett għal ċerti kundizzjonijiet, teħles Stat Membru mill-obbligi għall-marketing ta' ċerta żerriegħa taċ-ċereali kif stipulat f'dik id-Direttiva.
- (2) Ir-Renju Unit applika biex jinħeles mill-obbligi tiegħu fir-rigward tal-Avena strigosa Schreb.
- (3) Iż-żerriegħa ta' din l-ispeċi mhix normalment prodotta mill-ġdid jew imqiegħda fis-suq fir-Renju Unit. Barra minn hekk, it-tkabbir tal-Avena strigosa Schreb huwa ta' importanza ekonomika minima fil-pajjiż imsemmi hawn fuq.
- (4) Sakemm jibqgħu fis-seħħ dawn il-kundizzjonijiet, l-Istat Membru rilevanti għandu jinħeles mill-obbligu li japplika d-dispożizzjoni tad-Direttiva 66/402/KEE għall-materjal ikkonċernat.

- (5) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għaż-Żrieragħ u l-Materjal ta' Propagazzjoni għall-Agricoltura, l-Ortikultura u l-Forestierija,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-Renju Unit huwa meħlus mill-obbligu li japplika d-Direttiva 66/402/KEE, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 14(1), għall-ispeċi Avena strigosa Schreb.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Ottubru 2009.

Għall-Kummissjoni
Androulla VASSILIOU
Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU 125, 11.7.1966, p. 2309/66.